u għalhekk, għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dispożizzjoni nazzjonali prevista fl-Artikolu 5-*bis*, Digriet-liġi tal-24 ta' Jannar 2012, Nru 1 (kif emendat bil-Liġi ta' konverżjoni tal-24 ta' Marzu 2012, Nru 27) – li żiedet mal-Artikolu 10 tal-Liġi 287/1990 il-paragrafi 7-*ter* u 7-*quater*, tmur kontra d-dritt tal-Unjoni fit-termini msemmija iktar 'il fuq?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205.
(2) ĠU 2019, L 11, p. 3

**Appell ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2022 minn LSEGH (Luxembourg) Ltd, London Stock Exchange Group Holdings (Italy) Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla Estiża) fit-8 ta' Ġunju 2022 fil-Kawżi magħquda T-363/19 u T-456/19, Ir-Renju Unit u ITV vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-564/22 P)**

(2022/C 441/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Appellanti:* LSEGH (Luxembourg) Ltd, London Stock Exchange Group Holdings (Italy) Ltd (rappreżentanti: A. von Bonin, Rechtsanwalt, O.W. Brouwer u A. Pliego Selie, advocaten)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropeja, Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, ITV plc

## Talbiet

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata fl-intier tagħha;

— tagħti d-deċiżjoni finali u tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1352 tat-2 ta' April 2019 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentata mir-Renju Unit dwar l-Eżenzjoni mill-Finanzjament tal-Gruppi ta' CFC [1] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata");

— sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tagħti d-deċiżjoni skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u għal dawk quddiem il-Qorti Ġenerali, inklużi l-ispejjeż ta' kwalunkwe parti intervenjenti.

## Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw ħames aggravji:

L-ewwel, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta żnaturat il-leġiżlazzjoni nazzjonali u ma kkunsidratx provi fl-identifikazzjoni tas-sistema ta' referenza bħala r-regoli tar-Renju Unit dwar iċ-CFC (kumpanniji kkontrollati minn barra l-pajjiż) fil-Parti 9A tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 (il-Liġi tal-2010 dwar it-Tassazzjoni (Dispożizzjonijiet Internazzjonali u Dispożizzjonijiet Oħra)), (iktar 'il quddiem it-"TIOPA"), minflok is-sistema ta' tassazzjoni korporattiva tar-Renju Unit li huma jiffurmaw parti inseparabbli minnha.

It-tieni, anki fil-każ li s-sistema ta' referenza hija kkostitwita mir-regoli tar-Renju Unit dwar iċ-CFC, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-identifikazzjoni tal-għan tas-sistema ta' referenza, u konsegwentement wettqet żball fl-identifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-Kapitolu 5 tar-regoli tar-Renju Unit dwar iċ-CFC bħala li jiddeterminaw it-tassazzjoni "normali" ta' profitti finanzjarji mhux kummerċjali b'tali mod li l-"eżenzjoni mill-finanzjament tal-gruppi" fil-Kapitolu 9 tal-Parti 9A tat-TIOPA tagħti "vantaġġ".

It-tielet, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fir-rigward tal-konstatazzjoni ta' vantaġġ selettiv. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi peress li kkonkludiet b'mod żbaljat li operaturi ekonomiċi, li setgħu jibbenefikaw mill-"eżenzjoni mill-finanzjament tal-gruppi" fil-Kapitolu 9 tal-Parti 9A tat-TIOPA, kienu jinsabu f'sitwazzjoni legali u fattwali paragunabbli għal dik ta' kumpanniji, li ma kinux fl-istess sitwazzjoni.

Ir-raba', il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 263 TFUE u l-Artikolu 296 TFUE minħabba li naqset milli tindirizza motivi ta' dritt u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, peress li l-Qorti Ġenerali ssostitwixxiet il-motivazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata.

Il-ħames, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi peress li kkondkludiet li l-"eżenzjoni mill-finanzjament tal-gruppi" fil-Kapitolu 9 tal-Parti 9A tat-TIOPA ma hijiex iġġustifikata min-natura jew mill-istruttura ġenerali tas-sistema ta' referenza.

(1) ĠU 2019, L 216, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fis-26 ta' Awwissu 2022 – Verein für Konsumenteninformation vs Sofatutor GmbH**

**(Kawża C-565/22)**

(2022/C 441/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Verein für Konsumenteninformation

*Konvenut:* Sofatutor GmbH

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], għandu jiġi interpretat fis-sens li l-konsumatur ikollu mill-ġdid dritt għall-irtirar meta l-kuntratt li jsir mill-bogħod "jiġġedded awtomatikament" (Artikolu 6(1)(o) ta' din id-direttiva)?

(1) ĠU 2011 L 304, p. 64

---

**Appell ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2022 minn Vasile Dumitrescu, Guido Schwarz mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fil-15 ta' Ġunju 2022 fil-Kawża T-531/16, Dumitrescu u Schwarz vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-567/22 P)**

(2022/C 441/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Vasile Dumitrescu, Guido Schwarz (rappreżentanti: L. Levi, J.-N. Louis, avocats)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Ġunju 2022 fil-Kawża T-531/16; Dumitrescu u Schwarz vs Il-Kummissjoni;